Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 153 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Pisani**

Illum, 28 ta' Marzu, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Pisani detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 493073 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar id-19 ta' Mejju 2015 ghall-habta ta' 13:15 hrs kif ukoll fil-hinijiet ta' wara gewwa il-Bini tal-Qorti, Valletta

1. Insulentajt jew heddidt lill Claire Pisani jew jekk kont provokat, ingurjajt b' mod li hrigt mill-limitu tal-provokazzjoni.

2. Ikkagunajt biza li ser tintuza vjolenza kontra Claire Pisani jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna.

3. Bhala persuna volontarjament ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni b' ghajjat u storbju jew b' mod iehor.

4. Inqast li tosserva jew ksirt xi wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqek minn Ordni ta' Protezzjoni, b' artikolu 412 C tal-Kapitlu 9, liema ordni inharget b' sentenza defmittiva/i datata/i 16/02/2015 mahruga mill-Onor Dr A Vella LLD.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Marzu, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 251 B (1), 338 (dd), 339 (1) (e) u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet l-imsemmi imputat hati tal-ewwel tlett akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal tlett xhur prigunerija u lliberatu mir-raba' akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Pisani minnu pprezentat fit-22 ta' Marzu, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' l-ewwel zewg aggravji tal-appell tieghu u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi rninn dan l-appell skont din id-dikjarazzjoni. Altemattivament u minghajr pregudizzju f' kas li l-ewwel zewg aggravji tieghu ma jintlaqawx, tilqa' l-aggravji l-ohra tieghu u joghgobha tikkonfermaha fdik il-parti fejn ma sabitux hati tar-raba irnputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u thassarha u tirrevokaha ghal bqija billi tiddikjarah mhux hati tal- ewwel tlett irnputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah skont il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi irnposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-Ewwel Aggravvju huwa car u manifest in kwantu s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Meta l-appellant talab kopja tas-sentenza mghotija fil-konfront tieghu sabiex jhejji l-appell tieghu huwa inghata biss il-kopja tal-komparixxi li fuqha kien hemm il-kliern "4- Liberat 1,2,3 - Tliet xhur prigunerija" miktubin fil-parti t' isfel ta' l-istess att. [Dok A] Illi minn harsa lejn dan id-dokument jidher ben car li dan ma jissodisfax ir-rekwiziti minirni stabilliti mil-ligi dwar x' ghandu jkun fiha sentenza [Vide Art.382 tal-Kap. 9]. Huwa minnu li fi proceduri sommarji ma hijiex rikjesta r-rigorisita' procedurali li hija stabillita fi proceduri penali ohra pero' "is-sentenza" in kwistjoni bir-rispett jigi sottomess li hija estremament ekonomika u sibiljana;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it- Tieni Aggravju huwa car u manifest in kwantu bir-rispett jinghad li s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Minn imkien mis-sentenza ma jirrizulta ta' liema akkuzi partikolari nstab hati l-esponent appellant. Dan qieghed jinghad partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni li kif redatta kienet tikkontempla zewg reati distinti minn xulxin kif ukoll reat bi skuzanti o meno kontemplata fil-ligi. Ghalhekk mis-sentenza in kwistjoni ma jirrizulta minn imkien jekk l-esponent nstabx hati li nsulenta lill-martu sic et simplicite, jew instabx hati li hedded lill-martu izda ma nsulentahiex, jew kemm nsulenta kif ukoll hedded lill-martu, jew jekk insulta jew hedded dan ghamlu ghax provokat izda minkejja l-provokazzjoni hareg il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni. F' dan is-sens l-esponent appellant ghadu sal-lum ma jafx ta' xhiex ezattament gie rnisjub hati.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-Tielet Aggravju huwa car u manifest in kwantu l-esponent bir-rispett jirrileva li s-sejbien ta' htija tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti fuq l-ewwel dett imputazzjonijiet rnigjuba kontrih hija wahda unsafe and unsatisfactory. Waqt id-depozizzjoni taghha, mart l-appellant lanqas setghet tiftakar meta sehh l-allegat incident u x-xhieda kollha li tressqu kienu biss jikkostitwixxu hearsay evidence ghaliex kienu affidavits ta' pulizija stazzjonati gewwa l-Ghassa tal-Belt li rrakontaw dak li qaltilhom l-kollega taghhom mill-Ghassa taz-Zejtun fuq dak li rraportat lilha l-istess Claire Pisani. Inoltre l-ewwel Onorabbli Qorti ammettiet bhala prova kopja ta' verbal allegatament tas-seduta tal-perizja ta' dak il-jurn, li la kien awtentikat u lanqas kienet kopja ufficjali;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dak li gie verbalizzat minnhom fis-seduta tal-14 ta' Frar 2019.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat dak li gie verbalizzat minn Dr Franco Galea nhar l-14 ta' Frar, 2019 fejn ippremetta u ddikjara s-segwenti:-

*"Dr. Franco Galea ghall-appellant qieghed jitlob referenza kostituzjonali fir-rigward tal-Kostituzzjonalita o meno tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kif ukoll tal-fatt li l-artikolu 382 tal-kap 9 ma jindikax b'mod espress li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fi proceduri hekk imsejha sommarji ghandu jkun fiha xi forma ta' motivazzjoni."*

Illi rat dak li wiegeb Dr Charles Mecieca ghall-Avukat Generali u cioe:-

*"Dr Charles Mercieca ghall-Avukat Generali jiddikjara li qieghed joggezzjona ghal din ir-referenza u dan a bazi tal-fatt illi l-Qrati Maltin fil-vesti taghhom kriminali, gja taw pronunzjament taghhom wara s-sitwazzjoni identifka bhal dik odjerna senjatament fil-kaz **il-Pulizija vs Emmanuel Zammit** datata 16 ta' Jannar 1986".*

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u cioe dik citata mill-Avukat Generali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Emmanuel Zammit** u nnotat li f'dik is-sentenza giet trattat il-kwistjoni jekk meta sentenza tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti kif gara fil-kaz in desamina, u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubbju dwar liema fatti l-akkuzat jkun gie misjub hati fejn dik il-Qorti sahhet li s-sentenza ghandha tigi salvata ghaliex ma hemmx post il-formalizmu.

Hawn hekk pero' l-appellant mhux qed ighid hekk izda qed imur pass oltre u jispjega li skond l-artikolu 382 tal-Kap 9 l-ligi ma jirrikjedix li akkuzat jinghata raguni 'l ghala jinstab hati ad differenza ta' akkuzat li jidher quddiem Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali (artikolu 662(2) tal-Kap 9) fejn dawk il-Qrati

huma marbuta jaghtu r- ragunijiet taghhom u jimmotiva is-sentenza taghhom. Il-ligi tipprovdi is-segwenti:-

**Artikolu 382:-**

*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandhatgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkuntikkontempla r-reat"*

**Artikolu 662(2):-**

*"Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fihaqabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni"*:

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur S. Tanti) Vs Omissis** [1] fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**[2] intqal is-segwenti:-

*"Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privy mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**" fejn gie ritenut* li :-

*".....din il-Qorti thossha ......fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat isKopja*

*sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni*

*mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali.*

*Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi u f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta' l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-*

[1] Appell Kriminali Numru. 372/2006 deciz 21 ta' Gunju 2007

[2] Appell Kriminali deciz fit-8 ta' Frar 2007

*nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.*

*Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

*"Ikkonsidrat"*

*"….issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*"Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal- Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba ta' sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta." (ara ukoll App. Krim. "***__Il-Pulizija vs. James Grima__**[3]*")*

Referenza ukoll f'dan ir-rigward hija lejn is-sentenza fl-ismijiet **__il-Pulizija vs Paul Chetcuti Caruana__**[4] fejn inghad li:-

*Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar.*

*F'dan il-kaz il-Qorti hekk ghamlet u teknikament ma hemm xejn hazin fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.*

---

[3] Appell Kriminali deciz 8 ta' Marzu 2007
[4] Appell Kriminali deciz 19 ta' Frar 2014

*Però din il-Qorti tirrileva illi mhux il-kawzi kollha sommarji ghandhom jimxu bl-istess mod peress illi certa kawzi ghad illi jkunu bdew bi procedura sommarja jkunu ta' certa importanza u tajjeb illi tinghata motivazzjoni ghar-ragunament tal-Qorti. F'dan ilkaz il-motivazzjoni hija nieqsa kompletament u hawnhekk din il-Qorti thoss illi ghandha ticcensura 'l-Qorti tal-Magistrati peress illi f'kawza bhal din kien jimmerita motivazzjoni u konsiderazzjonijiet u mhux taqbad u tiddeciedi fuq il-htija o meno minghajr ma taghmel l-icken motivazzjoni jew konsiderazzjoni. Il-Magistrat ghandha taghraf tiddistingwi l-importanza ta' kawza minn ohra u fejn normalment forsi jkollha ragun illi ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni, certa kawzi però min-natura taghhom stess jirrikjedu aktar studju, motivazzjoni u konsiderazzjonijiet, u dina hija proprja wahda minnhom fejn il-Qorti imissha tat aktar importanza ghas-serjetà ta' din il-kawza u l-konsegwenzi taghha. Hi x'inhi, però, bhal ma già inghad, teknikament l-ewwel Qorti kienet korretta bil-mod kif kitbet is-sentenza u ma tistax din il-Qorti tilqa' t-talba ta' nullità tal-appellant*

Illi ghalhekk in vista tad-diversi sentenzi li inghataw minn din il-Qorti diversament preseduta minkejja li tali nuqqas ta' motivazzjoni ma tammontax ghan-nulilta ta' sentenza *stricto sensu* jista' jaghti l-kaz li jinpingi fuq id-dritt tal-akkuzat ghal-smeigh xieraq sabiex ikun jaf ir-raguni li fuqha instab hati jew gie liberat.

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati u ghalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti fir-rigward tal-aggravju ta' nuqqas ta' motivazzjoni f'sentenza u ghalhekk it-talba tal-appellant sabiex tali ilment jigi mistharreg mill-Prim Awla tal Qorti Civili sede Kostituzzjonali jimmerita li tigi approfondita minn dik il-Qorti u konsegwentement qeda tibghat l-atti quddiem dik il-Qorti sabiex l-ilment tal-appellant jigi hekk msitharreg minnha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur